MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru 164/2010

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Robert Vella)

vs

Christian Bonello

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 110985M, akkuzat b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioè akkuzat talli:

1. gewwa r-Rabat (Malta) nhar is-17 ta' Mejju 2009 f'xi hin bejn it-3:15 p.m. u s-6:30 p.m., flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' kamera tar-ritratti digitali ta' l-ghamla Pentex, mobile phone ta' l-ghamla Blackberry u oggetti ohra minn vettura ta' l-ghamla Mazda 232F bin-

numru tar-registrazzjoni FAS-058, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-232.94 Ewro izda li ma jeccediex 2,329.37 Ewro, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Mary Ann D'Anastasi u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara fl-imsemmija vettura FAS-058, liema hsara teccedi 11.65 Ewro izda li ma teccedix 116.47 Ewro, u din il-hsara saret ghad-dannu ta' l-imsemmija Mary Ann D'Anastasi u/jew persuni ohra;

3. gewwa Had-Dingli nhar is-17 ta' Mejju 2009, f'xi hin wara nofs inhar, flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla JVC valur mhux maghruf minn vettura ta' l-ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni IAJ-209, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Michael Micallef u/jew persuni ohra;

4. gewwa Hal-Qormi f'xi hin fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Mejju 2009, flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' stereo valur mhux maghruf ta' l-ghamla Pioneer minn vettura ta' l-ghamla Vauxhall Corsa bin-numru tar-registrazzjoni AAC-959, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Keith Zerafa u/jew persuni ohra;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara fl-imsemmija vettura AAC-959, liema hsara li teccedi 16.50 Ewro iza ma teccediex 116.47 Ewro, saret ghad-dannu ta' l-imsemmi Keith Zerafa u/jew persuni ohra;

6. kiser ordni ta' probation moghtija lilu fis-16 ta' Jannar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Magistrat Dr. Laurence Quintano LL.D.;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hija wahda volontarja u inkondizjonata u tirreferi ghall-akkuzi ta' serq u hsara volontarja kif riportati fl-akkuza.

Mentri l-hsara volontarja hija 'mezz ghal fini' is-serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u n-natura tal-haga misruqa.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f)(g), 264, 267, 270, 271(g), 278, 279(b), 18 u 17(h) tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht harsien ta' ufficjal tal-probation ghal tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni esplicita li kull meta ordnat mill-ufficjal tal-Probation jissottometti ruhu ghal test tal-urina u bl-ordni li jhallas €500 lid-derubata Mary Ann D'Anastasi zmien mhux oltre sena mill-lum.

Il-Qorti fissret lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------